MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1132/2002

**Anthony Abela u Miriam Camilleri.**

**-vs-**

**Carmelo sive Charles Camilleri, Joseph Camilleri, Blitz Cafeteria Limited (C 11681), u Ir-Registratur tal-Kumpanniji.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-11 ta’ Ottubru 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fil-25 ta' Mejju 1990 giet kostitwita il-kumpannija b'responsabilita limitata Blitz Cafeteria Limited, bin-numru tar-registrazzjoni C 11681.

Illi s-socji ta' l-istess kumpannija kienu il-konvenut Carmelo sive Charles Camilleri li kellu u ghad ghandu sitt elef u hamsa u disghin (6,095) is-sehem minn total ta' sitt elef u mitt (6,100) sehem, kif ukoll l-attur Anthony Abela li kellu u ghad ghandu hames (5) ishma.

Illi l-ishma li kienu u ghadhom f'isem il-konvenut Carmelo sive Charles Camilleri jappartjenu il-kommunjoni ta' l-akkwsitu bejn l-istess konvenut Carmelo sive Charles Camilleri u l-attrici Miriam Camilleri.

Illi permezz ta' risoluzzjoni approvata fit-tlettax (13) ta' Gunju 2002, u registrata mal-konvenut Registratur tal-Kumpanniji fl-istess gurnata, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u markata bhala Dok. IJS1, f'liema risolozzjoni jinghad li giet approvata minn *the sole member of the Company*, il-kumpannija Blitz Cafeteria Limited approvat illi l-*authorised share capital* ta' l-istess kumpannija jizdied ghal sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000) filwaqt li l-*issued share capital* ta' l-istess jizdied b'ghaxar t'elef (10,000) sehem ta' Lira il-wiehed (Lm1.00), u liema ishma gew allokati lill-konvenut Joseph Camilleri. Il-valur ta' dawn l-istess ishma hekk allokati thallsu billi gew kapitalizzati *shareholders' loans* li kien hemm fl-istess kumpannija. Oltre dan, l-istess risoluzzjoni approvat it-tibdil ta' l-istatut tal-kumpannija fl-intier tieghu.

Illi tali risoluzzjoni hija nulla u bla effett stante li ma gietx approvata skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Att XXV ta' l-1995), u kontra il-provvedimenti ta' l-istatut ta'

l-istess kumpannija, stante li m'huwiex minnu li l-konvenut Carmelo sive Charles Camilleri kien l-unika azzjonista ta' l-istess approvata kellha jew tkun iffirmata mis-socji

kollha, skond il-provvedimenti ta’ l-artikolu 210 ta’ l-istess Att, jew tkun approvata waqt seduta straordinarja ta’ l-azzjonisti ta’ l-istess kumpannija, wara li tinghata id-debita notifika skond l-artikolu 135 u ohrajn ta’ l-istess Att, u wara li l-istess ishma godda jigu l-ewwel offerti lis-socji attwali ta’ l-istess kumpannija, u senjatament kontra l-provvedimenti ta’ l-artikolu 4(x) ta’ l-articles of association tal-kumpannija.

Illi oltre dan, l-istess risoluzzjoni hija nulla u bla effett stante li l-valur ta’ l-allokazzjoni favur Joseph Camilleri saret permezz ta’ kapitilizzazzjoni ta’ *shareholders’ loans* li kien hemm fil-kumpannija, meta qabel ma saret l-istess allokazzjoni, Joseph Camilleri ma kienx socju tal-kumpannija u ghaldaqstant ma kellu l-ebda *shareholders’ loans* mal-kumpannija.

Illi l-istess risoluzzjoni hija nulla u bla effett u qatt ma kellha tigi registrata mill-konvenut Registratur tal-Kumpanniji stante li minkejja li l-istess risoluzzjoni kienet tindika li kienet qeghda tigi approvata minn *the sole member of the Company*, meta l-istess kumpannija m’hijiex a *single member Company.*

Illi oltre dan, l-istess risoluzzjoni hija daqstant iehor nulla u bla effett stante li l-istess risoluzzjoni hija intiza biex tippregudika serjament il-valur ta’ l-investment li l-kommunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konvenut Carmelo sive Charles Camilleri u l-attrici Miriam Camilleri ghandhom fil-kumpannija, u l-istess ittiehdet unikament u bl-iskop biex tqarraq u tiffroda l-istess l-attrici.

Illi minhabba n-nullita’ ta’ tali risoluzzjoni, u pendenti d-dikjarazzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti f’dan is-sens, l-ebda decizjoni ma tista’ tittiehed mill-kumpannija f’livell ta’ *general meeting* tas-socji.

Illi l-attrici Miriam Camilleri ghandha d-dritt illi hija tissalvagwardja l-interess li hija ghandha fl-azzjonijiet li l-

kommunjoni ta' l-akkwisti bejnha u l-konvenut Carmelo sive Charles Camilleri ghandhom fl-istess kumpannija, liema azzjonijiet bid-drittijiet naxxenti minnhom qeghdin jigu gestiti b'mod li jippregudikaw l-interess ta' l-istess attrici Miriam Camilleri fl-istess kumpannija.

Illi l-atturi ghandhom interess li l-proprjeta' li ghandha l-istess kumpannija, tigi ssalvagwardjata, u li ma tinbiehx jekk mhux bil-kunsens ta' l-istess atturi, u mhux qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara ruhha fuq in-nullita' o meno tar-risoluzzjoni fuq imsemmija.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi r-risoluzzjoni allegatament approvata fit-tlettax (13) ta' Gunju 2002 u registrata mar-registratur tal-Kumpanniji fl-ghoxrin (20) ta' Gunju 2002, ittiehdet b'mod irregolari u bi ksur tal-Ligi.

2. Tiddikjara konsegwentement illi r-risoluzzjoni allegatament approvata fit-tlettax (13) ta' Gunju 2002 u registrata mar-registratur tal-Kumpanniji fl-ghoxrin (20) ta' Gunju 2002, hija nulla u bla effett.

3. Tordna lill-konvenut Registratur tal-Kumpanniji biex jisfilza l-istess risoluzzjoni flimkien ma' l-istatut anness ma' l-istess risoluzzjoni u l-Form H hekk annessa mir-registru tal-kumpannija fi hdan ir-registratur tal-Kumpanniji.

4. Tinibixxi lis-socjeta' konvenuta, kif ukoll lill-konvenuti Joseph Camilleri u Carmelo sive Charles Camilleri, milli fi kwalunkwe kapacita' li huma ghadhom fl-istess kumpannija konvenuta, jiehdu kwalunkwe decizjoni li

tikkoncerna l-operat, it-tmexxija u l-gestjoni, l-attiv u l-passiv ta' l-istess kumpannija.

5. Tinibixxi lill-konvenuti Joseph Camilleri u Carmelo sive Charles Camilleri, milli b’xi mod jittrasferixxu jew jikkoncedu xi drittijiet fuq l-ishma li huma ghandhom fil-kumpannija.

6. Tinibixxi lill-konvenuta Blitz Cafeteria Limited milli b’xi mod tittrasferixi l-immobbli li hija ghandha jew b’xi mod milli tikkoncedi kwalunkwe dritt fuq l-istess immobbli.

7. Jigi riservat favur l-atturi kull dritt ta’ azzjoni spettanti lilhom skond il-ligi ghad-danni u/jew xorta ohra kontra l-konvenuti Joseph Camilleri u Carmelo sive Charles Camilleri.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-protesti gudizjarji u tal-mandat ta’ inibizzjoni li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fl-24 ta’ Jannar, 2003 li permezz taghha l-konvenut Registratur tal-Kumpanniji eccepixxa:

1. Illi dwar il-meriti tal-kawza l-konvenut jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti.

2. illi l-konvenut Registratur ihoss li l-interess tieghu f’din il-kawza huwa limitat ghal dak li ghandu x’jaqsam ma’ l-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpanniji skond il-ligi, fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta’ dokumenti u ma jhossx li huwa ghandu interess li jidhol fil-meriti fattwali ta’ din il-kawza.

3. Illi fit-13 ta’ Gunju 2002 il-konvenut Registratur ircieva kopja ta’ risoluzzjoni tal-kumpannija Blitz Cafeteria Limited (C11681) li approvat li l-*authorised share capital* tal-kumpannija jizdied ghal Lm17,000 u li jinhargu u jigu

allokati 10,000 sehem ta’ Lm1.00 kull wiehed lil Joseph Camilleri. Oltre dan l-istess risoluzzjoni approvat li jinbidlu l-*Memorandum* u l-*Articles of Association* tal-Kumpannija.

4. Illi skond l-artikolu 82 tal-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpanniji kull dokument moghti lir-Registratur ghandu jkun awtentikat, u jista’ jkun awtentikat minn direttur jew mis-segretarju tal-kumpannija.

5. Illi l-imsemmija risoluzzjoni giet presentata u awtentikata bhala “*Certified True Copy*” minn Charles Camilleri – ID No. 911251(M) li huwa s-segretarju kif ukoll direttur tal-kumpannija.

6. Illi l-Att ta’ l-1995 dwar Kumpanniji ma jpoggix obbligu fuq ir-Registratur li fil-kors normali tal-qadi tal-funzjonijiet tieghu jitlob evidenza jew li jezamina l-process kollu ta’ kif tittiehed risoluzzjoni ta’ kumpannija, u dan aktar u aktar meta r-Registratur ikollu quddiemu dokument awtentikat minn direttur jew s-segretarju tal-kumpannija.

7. Illi premess illi l-konvenut Registratur tal-Kumpanniji kien sodisfatt li l-htigijiet tad-dispozizzjonijiet tal-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpanniji kienu mharsa huwa accetta r-risoluzzjoni msemmija kif fil-fatt awtentikata mid-direttur u s-segretarju tal-kumpannija Charles Camilleri u rregistra l-imsemmija risoluzzjoni fl-20 ta’ Gunju 2002.

8. Illi filwaqt li l-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpanniji jipprovdi dwar il-funzjoni tar-Registratur li jirregistra

certu dokumenti specifikati fl-Att, ma hemm ebda provvediment li jaghti lir-Registratur il-poter li jnehhi mir-Registru dokumenti li jkunu gew registrati jew li jipprovdi procedura sabiex dan ikun jista’ jsir.

9. Illi l-prassi hi li meta r-Registratur isir jaf li dokument registrat ikun qed jigi ikkontestat minn terza persuna jew, ikun hemm indikazzjoni ragonevoli li, ghal xi

raguni jew ohra, jista' jkun invalidu jew ma jkunx jaghti informazzjoni korretta dwar il-kumpannija, titpogga fir-Registru bhala *unregistered document* ghall-informazzjoni tal-pubbliku, kopja ta' kwalsiasi korrispndenza jew dokument iehor li tkun rilevanti ghad-dokument in kwistjoni jew, jekk jinhass il-bzonn, titpogga nota spjegattiva mir-Registratur.

10. Illi l-konvenut Registratur mexa sewwa skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji u jhoss li ma kellux ikun wiehed mill-legittimi kontradittur billi l-operat tieghu fir-rigward tar-registrazzjoni tar-risoluzzjoni in kwistjoni ma kien xejn ghajr il-qadi tal-funzjoni tieghu skond il-ligi.

11. Illi fl-ahharnett stante li l-konvenut Registratur mexa sewwa skond il-ligi meta rregistra r-risoluzzjoni imsemmija m'ghandux ibghati kwalunkwe spejjez gusizzjarji konnessi ma' din il-kawza.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Registratur tal-Kumpanniji mahlufa minn Dr. Michelle Buontempo ID 407470(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fit-2 ta' Marzu, 2004 li permezz taghha l-konvenut Carmelo Camilleri eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi kollox sar regolarment u in konformita' mar-rekwiziti tal-ligi, u dana kif ser jigi ippruvat waqt is-smigh u t-trattazjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra verjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Carmelo Camilleri mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fil-5 ta' Marzu, 2004 li permezz taghha l-konvenut Joseph Camilleri eccepixxa:

1. Illi in linea preliminarja il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi mhuwiex il-legittimu kontradittur.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, kull irregolarita' illi setghet ezistiet meta ttiehdet ir-risoluzzjoni tal-kumpannija fit-13 ta' Gunju 2002 ma tistax taffetwa d-drittijiet tal-konvenut.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Camilleri mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

L-atturi qed jitolbu t-thassir ta' risoluzzjoni straordinarja li ttiehdet mill-kumpannija konvenuta fit-13 ta' Gunju 2002 li permezz taghha il-konvenut Joseph Camilleri gie allokat ghaxart elef sehem ta' lira l-wiehed fil-kumpannija msemmija. Il-konvenut Carmelo Camilleri ghandhu 6,095 (sitt elef u hamsa u disghin) sehem fl-istess socjeta' u l-

attur Abela hames ishma. L-attrici tigi mart il-konvenut Carmelo Camilleri u bejnithom ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni.

L-atturi qed jitolbu t-thassir ghal diversi ragunijiet. L-attur qed issostni li qatt ma gie notifikat bil-laqgha generali li tat lok ghall-allokazzjoni u ghalhekk il-laqgha tlaqqat illegalment, li l-allokazzjoni ma setghetx issir skond l-artiklu 4 (x) tal-*articles of association* tal-kumpannija, li l-allokazzjoni saret a bazi ta' shareholders' loan li fil-fatt ma kienitx tezisti ghaliex il-konvenut Joseph Camilleri ma kienx azzjonist qabel l-allokazzjoni u li fil-formola sottomessa lir-Registratur tal-Kumpanniji gie indikat li r-rizoluzzjoni kienet appovata minn *sole member* tal-kumpannija meta fil-fatt kien hemm membru iehor u l-kumpannija ma kienitx wahda ta' membru wiehed.

L-attrici qed tibbaza t-talba taghha fuq il-fatt li bhala mart Carmelo Camilleri, kellha tkun parti ghall-allokazzjoni illi ppregudikatilha serjament id-drittijiet taghha fil-kumpannija.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghalkemm l-atturi qed jallegaw element ta' frodi, mill-provi jirrizulta li in effetti l-flus li Joseph Camilleri tefa' fil-kumpanija gew uzati principalment biex thallas dejn mal-Bank. Ghalhekk minn dan il-lat ma jistax jinghad li l-flus intuzaw bi skop hazin. Jidher car li l-Bank kien qed jhedded li jiehu azzjoni fuq l-unika proprjeta' immobbli li ghandha l-kumpannija in kwistjoni.

Il-Qorti hija konvinta ukoll li qabel saret l-azzjoni l-attrici,

mnhabba l-problemi familjari esistenti bejnha u l-konvenut Carmelo Camilleri ma kienitx qed taghti kaz il-problema tad-dejn li kellha l-kumpannija, avolja dan id-dejn ma kienx xi wiehed kbir ghall-gurnata ta' llum. Ghalhekk hija konvinta ukoll li l-azzjoni li ttiehdet kellha ghall-inqas skop wiehed tajjeb.

Madankollu l-Qorti hija konvinta ukoll li kien hemm mezzi ohra biex il-problema tigi solvuta minghajr ma jsofru pregudizzju l-atturi. L-attur direttament bhala azzjonista u l-attrici indirettament bhala ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma zewgha, in effetti tilfu l-kontroll tal-kumpanija illi issa ghadda f'idejn Joseph Camilleri li da parti tieghu ghamel negozju tajjeb ghaliex akkwista iktar minn nofs ta' restaurant li hu proprjeta' tas-socjeta' in kwistjoni. Allura, il-Qorti konvinta li l-konvenut Carmelo Camilleri iddisinja pjan biex mhux biss isolvi l-problema tal-hlas lill-bank, izda li jirriduci drastikament sehem martu mill-komunjoni. Dan apparti li l-attur, li jigi missier l-attrici ukoll tnaqqaslu konsiderevolment sehmu mill-kumpannija *pro rata*.

Dan wahdu pero' mhux bazi bizzejjed biex jannulla r-rizoluzzjoni jekk ma jigix provat il-frodi li ma jistax jigi presunt. Madankollu fil-fehma tal-Qorti jesistu bizzejjed rekwisiti legali biex l-azzjoni tirnexxi.

L-ewwelnett l-attur cahad bil-qawwa li qatt irceva l-avviz tal-laqgha u nonostante l-insistenza tal-konvenut Joseph Camilleri, il-Qorti iktar propensa temmen il-versjoni tal-attur. Il-konvenut imsemmi ma gab ebda prova li baghat l-ittra u fic-cirkostanzi kien messu baghat ittra registrata. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi accettat li baghtha ma jidhirx li indika r-raguni tal-laqgha. Dan in-nuqqas ta' notifikazzjoni tal-laqgha jmur kontra dak li jghidu l-artikoli 135 u 210 tal-Att XXV tal-1995.

L-attur ghandhu ukoll ragun li skond l-Artiklu 4 (x) tal-articles

of association tas-socjeta' Blitz Limited, allokazzjoni kellha ssir billi l-ewwel jigu offerti ishma lill-azzjonisti gia' esistenti – *provided that in the case of any additional capital the share before they are offered or issued are in the first place to be offered to the existing shareholders of the company who shall be entitled to take them up*

*between them in proportion as nearly as possible to the number of shares held by them.* Il-konvenuti certament ma gabu ebda prova li saret din l-offerta u l-Qorti temmen lill-attur li qal li kieku giet offerta lilu l-opportunita’ kien jaccettaha.

Ghandhom ukoll ragun l-atturi li l-formola esebita a fol 8 hija skorretta u *misleading* ghaliex tindika li l-kumpannija kellha azzjonist wiehed meta dan ma kienx il-kaz. Anke kif l-allokazzjoni saret f’forma ta’ self ta’ azzjonist kien dibattibbli izda l-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tidhol f’dan il-punt.

Kwantu ghall-attrici din ghandha ragun tilmenta li l-azzjoni li ha zewgha kienet lesiva ghad-drittijiet taghha fuq il-komunjoni tal-akkwisti u li ai termini tal-Artiklu 1322 (3) din kienet att ta’ amministrazzjoni straordinarja ghaliex in effetti sar trasferiment ta’ parti minn negozju u ishma minn socjeta’ kummercjali. (Sub inciz k). Ghalhekk tali trasferiment kien jehtieg il-kunsens taghha ukoll. L-attrici fil-fehma tal-Qorti kellha biss it-tort li ma tatx kaz il-problemi li kellha l-kumpannija probabilment bhala parti minn agir normali f’sitwazzjonijiet ta’ separazzjoni personali. Minhabba f’hekk se jkun hemm riflessjoni ta’ dan fil-kap tal-ispejjes.

Il-konvenut Carmelo Camilleri ma jistax jghid li gie citat inutilment anzi kieku ma sarx hekk il-gudizzju ma kienx ikun integru, ghaliex qed tigi attakkata l-allokazzjoni li saret lilu. Naturalment id-dritt tieghu li jigi rimborzat is-somma li hareg tibqa impregudikata u ma tifformax parti minn dan il-gudizzju. Fir-rigward tar-Registratur tal-kumpanniji dan giet citata minhabba r-registrazzjoni tal-allokazzjoni u kif irrimarkat l-

abbli difensur tieghu hwa ma jistax jisfilza l-allokazzjoni izda jirregistra li l-allokazzjoni giet dikjarata nulla. Certament li r-Registratur ma ghandhux jigi akkollat spejjes gudizzjarji.

**Ghal dawn il-mottivi ghalhekk il-Qorti, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Camilleri, u tilqa' t-talbiet attrici billi;**

**1. Tiddikjara li r-rizoluzzjoni approvata mis-socjeta' Blitz Cafeteria Limited fit-13 ta' Gunju 2002 u registrata mir-Registratur tal-Kumpanniji fl-20 ta' Gunju 2002 ittiehdet b'mod irregolari u bi ksur tal-ligi;**

**2. Tiddikjara ghalhekk nulla r-rizoluzzjoni imsemmija;**

**3. Tordna lill-konvenut Registratur tal-Kumpannija biex jannota fir-registru tieghu il-kontenut ta' din is-sentenza fejn jirrigiwardja tas-socjeta' Blitz Cafeteria Limited;**

**4. Tinibixxi lill-konvenuti Camilleri li jiehdu xi decizjoni li jikkoncerna l-operat, tmexxija u gestjoni, l-attiv u passiv tas-socjeta' imsemmija;**

**5. Tinibixxi lill-konvenuti Joseph Camilleri u Carmelo Camilleri milli jittrasferixxu jew jikkoncedu xi drittijiet fuq l-ishma li ghandhom fil-kumpannija;**

**6. Tinibixxi lill-Blitz Cafeteria Limited milli tittrasferixxi l-immobbli li ghandha jew tikkoncedi kwalunkwe dritt fuq l-istess immobbli;**

**B' riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.**

**L-ispejjes tal-kawza jigu sapportati kwantu ghal terz tar-registru u ta' spejjes ohra tal-atturi jithallsu mill-attrici u l-kumplament tal-ispejjes l-ohra kollha mill-konvenut Carmelo Camilleri; izda l-konvenut Joseph Camilleri ghandhu jhallas l-ispejjes tieghu stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------